Bħalma kien kollu ta' xejn dak li kienu fasslu f'moħħhom Bertoldu, Ġaħan u l-bqija għall-ħabib tal-qalb tagħhom Ġorġ. Meta ġew lura xi siegħa jew iktar wara biex jaraw x'kien jixtieq minnhom ma setgħu jarawh imkien. Fittxew elf naħa u baqgħu ma sabuhx. Ma setgħux jemmnu jew jistħajlu x'kien ġara. Ma setgħux iniżżluha li l-ikbar ħabib tagħhom kellu l-ħila jitlaqhom u jħallihom bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa, qisu kien annimal, skużi l-espressjoni.

"Iwa, allura, mank saħħa..." beda jgerger Ġaħan.

"U inti taf x'inqalagħlu," qallu mdaħdaħ Bertoldu. "Bilfors li kellu xi ħaġa ta' malajr biex ma qagħadx jistenniena. Xi ħaġa aħjar minn dik li stajna nagħtuh aħna għax kieku ma kienx jiċċaqlaq minn hawn. Mhux hekk, l-aħwa?"

"Hekk hu..." wieġbuh ilkoll f'daqqa l-oħrajn waqt li bil-qalb it-tajba dawru denbhom għan-naħa l-oħra, minn fejn kienu ġew, u mxew wara Bertoldu lil hemm, 'il bogħod, lil fejn kollox kien igħib u jispiċċa qisu qatt ma kien xejn.

Hekk hu tabilħaqq. Ġorġ kien telaq lil hemm, lejn dik in-naħa 'l bogħod 'il bogħod fejn kollox jibqa' sabiħ u ħlejju għal dejjem ta' dejjem.

---

## BRUGGES

Ħabbruli ġmielek qabel ma ġejt żurtek,
O post ta' sigar sbieħ, ta ward, t'agħsafar,
Ta' djar qdumin mal-ilma sew li nafar
Lill-papru li mill-weraq qalli "Rajtek!!"
Saħħruni l-firxiet sbieħ li tul triqatek
Wassluni sew fil-misraħ kbir li far
Bin-nies u l-baned, f'jum tal-Ħadd in-nhar,
Fix-xemx ta' Mejju fietla, tatik ħajtek.
Imbagħad fit-triq tal-ħwienet tal-bizzilla
Wieħed ħdejn l-ieħor, b'xogħolhom mimlijin,
Urejt kif taħdem l-id meta l-qalb trid.
U ħlomt tax-xogħol il-ħeġġa, s-sahra. l-qilla,
Li bihom sajf u xitwa għaddejjin,
Uliedek jistinkaw mingħajr tixrid!

4/5/80

WALLACE PH. GULIA



F'kull fergħa tal-Mid-Med Bank issib impjegati ta' esperjenza u mħarrġin b'mod l-iżjed professjonali.

Għal dawk li huma kuntatti ma' barra, il-Mid-Med Bank għandu korrispondenti mad-dinja kollha.

*Mid-Med Bank – il-Bank b'wirt kbir ta' esperjenza.*

Mid-Med Bank Limited
UFFIĊĊJU PRINĊIPALI: 233 TRIQ IR-REPUBBLIKA VALLETTA
Fergħat f'Malta u Għawdex. Bank Assoċjat fil-Grupp ta' Barclays.